MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 214/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joanne Agius**

Il-Qorti,

**1.** Rat id-denunzja ta' l-ufficjal tal-*probation* Marilyn Attardipprezentata fil-15 ta' April 2011 li permezz taghha nfurmat lill-Qorti tal-Minorenni (Malta) li l-imsemmija Joanne Agius kienet qed tonqos milli ssegwi direttivi li kienu qeghdin jinghatawlha mill-ufficjal tal-*probation*, li kienet qed taghmel uzu minn sustanzi illeciti, li kienet qed turi mgieba vjolenti mal-haddiema ta' Dar Fejda, u li issa kienet mahruba mill-istess Istitut;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Minorenni tat-28 ta' April, 2011, li permezz

taghha dik il-Qorti ttrattat mill-gdid ma' l-imsemmija Joanne Agius dwar ir-reati li kienet originarjament tqieghdet taht *probation* b'sentenza tat-18 ta' Frar 2009 u liema kondizzjonijiet kienu gew varjati b'sentenza ohra ta' l-istess Qorti tal-21 ta' April 2010, u cioe` talli f'dawn il-Gzejjer, cioe` gewwa Dar Fejda, Triq San Guzepp, Hamrun, nhar-it 8 ta' Novembru 2008 ghall-habta tal-11.00 a.m., (1) hebbet ghal Mary Bugeja u ghal Mary Cassar u kkagunatilhom griehi ta' natura hafifa skond ma ccertifika t-Tabib Dr. M.C. Formosa mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana; (2) ingurjat u/jew heddedt bi kliem lil Mary Bugeja u lil Mary Cassar;

**3.** Rat illi bl-imsemmija sentenza tat-28 ta' April 2011, il-Qorti tal-Minorenni, wara li rat l-artikoli 7 u 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmija Joanne Agius hatja li naqset li thares xi htiega ta' l-ordni ta' sanzjoni fil-komunita` moghtija fil-konfront taghha minn dik l-istess Qorti fit-18 ta' Frar 2009 kif susegwentement emendat, u filwaqt li kkonfermat is-sejbien ta' htija ikkundannatha gimaghtejn prigunerija;

**4.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Joanne Agiusipprezentat fis-6 ta' Mejju 2011 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata, billi tikkonferma dik il-parti fejn sabet lill-appellanti hatja li naqset li thares xi htiega ta' l-ordni ta' sanzjoni fil-komunita` tat-18 ta' Frar 2009 u thassar dik il-parti fejn ghazlet li tittratta maghha ghar-reat li tieghu nstabet hatja fit-18 ta' Frar 2009 u kkundannatha gimaghtejn prigunerija u minflok tordna t-tkomplija tal-imsemmija ordni ta' sanzjoni fil-komunita` ai termini tal-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u dan taht dawk l-ordnijiet kollha li din il-Qorti jidrilha xierqa fic-cirkostanzi;

**5.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**6.** Dan l-appell jirrigwarda l-piena. L-appellanti tghid li l-piena ta' prigunerija nflitta fuqha hi fic-cirkostanzi eccessiva. Tghid li hi ghandha bzonn ghajnuna sabiex

teghleb id-diffikultajiet taghha, frott l-esperjenzi negattivi tal-passat taghha, u taghraf dak li hu ta' gid ghaliha u zzomm 'il boghod minn dak li hu ta' hsara. Skond l-appellanti, minkejja l-isforzi tal-professjonisti, in-nuqqas ta' ambjent strutturat fejn tista' tigi accettata anke meta l-imgieba taghha tkun ta' sfida ghal min hu fdat bil-kura taghha, wassal sabiex taghzel triq ohra f'hajjitha. Mhux eskluz imbaghad li certi dettalji li tat dwar dak li kienet taghmel meta tkun mahruba seta' kien ivvintat. Hu x'inhu l-kaz hi ghandha bzonn ghajnuna u mhux piena karcerarja.

**7.** Din il-Qorti ma tlumx lill-ewwel Qorti li ddecidiet li timponi piena ta' prigunerija (ghalkemm jidher li l-hsieb taghha kien li timponi piena ta' detenzjoni) wara tant opportunitajiet moghtija mill-istess Qorti bl-ghoti ta' ordnijiet ta' *probation* biex il-*probationer* ikollha l-ghajnuna mehtiega biex issewwi l-imgieba taghha u biex titbieghed minn agir kriminali. Fil-fatt, konsiderando l-eta` ta' l-appellanti u allura l-applikabilita` ta' l-artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-piena nflitta xorta hi fil-parametri tal-ligi. Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti dahlet fid-dettall dwar ir-ragunijiet li wassluha biex f'dan il-kaz tittratta mal-*probationer* mill-gdid filwaqt illi fil-kazijiet l-ohra zzomm ferm l-ordnijiet ta' *probation*, u din il-Qorti taqbel ma' dak li qalet l-ewwel Qorti – salv ghall-fatt li jidher li l-piena idoneja kellha tkun, kif del resto ndikat l-ewwel Qorti fil-konsiderandi taghha, wahda ta' detenzjoni u mhux ta' prigunerija.

**8.** Ciononostante, minn mindu nghatat din is-sentenza kien hemm tibdil fic-cirkostanzi ghall-ahjar. Fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2011 quddiem din il-Qorti xehdet l-ufficjal tal-*probation* Marilyn Attard li qalet hekk:

"Fil-prezenti il-*placement* taghha f'Fejda gie terminat. Hi ma tixtieqx tmur hemm hekk u gie terminat. Skond hi il-post seta' kien qed jikkawzalha din l-imgieba, kien qed jiffrustraha. Ghalhekk issa tinsab Mount Carmel. Qieghda fil-fazi li ha tigi trasferita gewwa l-*halfway house* ta' Mount Carmel biex imbaghad isibulha *placement* Richmond Foundation. Hi l-livel, l-IQ taghha huwa baxx, pjuttost

baxx, jigifieri l-livell ta’ ntelligenza li tifhem x’inhu ezatt x’inhu jigri mhux dejjem naslu u fil-verita` meta hi nghatat il-habs dak iz-zmien kien haqqha li tmur il-habs ha tehodha *a direct consequence* ta’ l-imgieba. *At this point in time* ma nafx kemm hi f’pozizzjoni li ha tillinkja ma *behaviour* ta’ dak iz-zmien, jigifieri jekk ha tiehu sentenza ta’ habs issa ma nafx x’valur jista jkollha ghall-imgieba taghha. Hi qieghda *contained* Mount Carmel. Jigifieri l-opportunita` li tahrab ma tantx hemm, Pero` fl-istess hin il-*feedback* li gbart minn ghand is-*social worker* jidher li qed turi mgieba tajba. Anke llum ghamlet *effort* biex tigi liebsa adattata ghall-Qorti. Qed tidher li qed taghmel *effort* biex timxi ahjar.”

**9.** Dawn ic-cirkostanzi jitfghu dell gdid fuq il-qaghda tal-*probationer* u din il-Qorti hi tal-fehma li mhuwiex il-kaz li issa ttellef mill-progress kollu li sar. Anke l-fatt li tinsab *“contained”* jimmilita kontra trasferiment, avolja ghal ftit granet, fil-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin. Kwindi huwa l-kaz li f’dan il-kaz ukoll jibqa’ *in vigore* l-ordni ta’ *probation* li nghata fit-18 ta’ Frar 2009 kif estiz u emendat bis-sentenza tal-Qorti tal-Minorenni tal-21 ta’ April 2010, filwaqt illi dwar il-ksur li wassal ghad-denunzja msemmija fl-ewwel paragrafu tikkundannaha ghall-hlas ta’ *ammenda*.

**10.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu ghazlet li tittratta ma’ l-imsemmija Joanne Agius mill-gdid dwar ir-reati li taghhom kienet instabet hatja fit-18 ta’ Frar 2009 u kkundannatha gimaghtejn prigunerija u minflok, a tenur ta’ l-artikolu 21(2) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannaha *ammenda* ta’ hamsin euro (€50). L-ordni ta’ *probation* maghmul fit-18 ta’ Frar 2009 kif estiz u emendat bis-sentenza tal-Qorti tal-Minorenni tal-21 ta’ April 2010 jibqa’ fis-sehh. Tordna notifika lill-ufficjal tal-*probation* Marilyn Attard.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------